TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 184/14-F

**Thomas Gatt & Rosanne Sammut**

**vs**

**Lilywhite Laundry & Dry Cleaning**

Illum 22 ta' Diċembru, 2014

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fl-14 t'Awwissu, 2014 fejn ir-rikorrenti talbu rifużjoni ta' mitejn u ħamsin ewro (€250), rappreżentanti l-prezz ta' *suit* li kienet inxtorbot wara li sar il-proċess ta' *dry cleaning*.

Is-soċjeta' ntimata ma ppreżentatx risposta bil-miktub għal din it-talba, iżda attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huma l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tas-soċjeta' ntimata li hija rappreżentanta tas-soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettew bil-miktub illi huma kienu ħadu *suit* għal *dry cleaning* u meta ħaduha lura sabu li kienet kollha mkemmxa, u għalhekk reġgħu ħaduha għand is-soċjeta' ntimata, pero' wara sabu illi s-*suit* kienet inxtorbot.

Is-soċjeta' ntimata ssottomettiet verbalment għaliex ma kinitx ippreżentat risposta bil-miktub, illi l-proċess sar skond is-sengħa u l-arti u li m'għamlet xejn ħażin.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, wara li ra s-suit, jinnota li s-*suit* vera kienet inxtorbot.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-soċjeta' ntimata tħallas lir-rikorrenti s-somma ta' mija u tmenin ewro (€180), u bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' ntimata.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**